MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Laqgħa Numru 15

Il-Ħamis 30 t'April 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar ħa sehem f'laqgħa *online* permezz ta' Microsoft Teams® nhar il-Ħamis 30 t'April 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa saret b'dan il-mezz minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-imxija tal-virus COVID-19 u skont id-direttiva numru 2/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

15.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa, għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numri 11, 12, 13 u 14 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

15.2.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat informa lill-membri li dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kimberly Spiteri li kienet fil-kariga u preżenti għal dawk il-laqgħat iżda li ser jiġu ffirmati minnu.

15.2.3 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

15.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

### 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

15.3.1 Is-Sindku, s-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li hekk kif deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill numru 13, il-Kunsill għadu kif issottometta l-applikazzjoni għall-fondi ewropej taħt il-miżura 4.4. Huwa qal li permezz ta' dawn il-fondi l-Kunsill ser isaħħaħ il- konifni tar-raħal billi jitranġaw jew jinbnew mill-ġdid ħitan tas-sejjieħ f'partijiet mit-toroq: Triq It-Tempju Megalitiku, Triq L-Isqawi, Triq il-Munxar, Triq Santa Dminka u fl-inħawi tas-Sanap. Dawn il-postijiet ġew identifikati wara li ttieħdu inkonsiderazzjoni s-suġġerimenti tal-membri tal-Kunsill u l-proġett huwa stmat li se jlaħħaq is-somma ta' madwar €100,000. Il-membri tal-Kunsill ikkonfermaw din id-deċiżjoni.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

15.3.2 Is-Sindku informa wkoll lill-membri li l-applikazzjoni tar-restawr tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali taħt l-iskema mnedija mill-Ministeru Għal Għawdex ġiet issottomessa wkoll. Dan il-proġett huwa stmat li se jlaħħaq is-somma ta' madwar €25,000. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill.

15.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt ta' finanzjament mal-Ministeru Għal Għawdex għax-xogħol addizzjonali li ser isir fi Triq il-Munxar b'rabta mal-bini ta' *storm water culverts* għall-ilqugħ tal-ilma wara suġġerimenti mill-Perit tal-Kunsill. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex dan ix-xogħol jitwettaq malajr biex jiġi konkluż il-proġett.

15.3.4 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li wara li fil-laqgħa tal-Kunsill numru 11 ġie mressaq ilment li sfronda ħajt tas-sejjieħ taħt passaġġ fi Triq San Pawl kif ukoll biex titranġa mogħdjia fl-istess passaġġ. Il-Kunsill talab lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jagħti direzzjoni lill-Kunsill dwar dan il-periklu fejn ingħata r-risposta sabiex filwaqt li jassigura li ma jkunx hemm periklu u jara li jaqa' taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jieħu l-pariri legali u tekniċi. Il-parir tekniku mill-Perit tal-Kunsill kien li dan ix-xogħol għandu jsir biex ma jkunx hemm periklu għal min juża dan il-passaġġ, filwaqt li l-parir tal-Avukat kien li meta fl-imgħoddi kien sar ix-xogħol mill-Kunsill billi ngħata wiċċ lil dan il-passaġġ, il-Kunsill assuma responsabilta' u l-Kunsill għandu jaċċerta li jagħmel ix-xogħlijiet biex jitneħħa l-periklu. Kien hemm qbil mill-membri tal-Kunsill sabiex il-Kunsill jimxi ma' dawn il-pariri u jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji biex jitneħħa l-periklu.

15.3.5 Is-Sindku ta aġġornament lill-membri dwar il-proġett tar-restawr tat-torri tax-Xlendi. Huwa qal li saru diversi laqgħat mal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn qed juru t-tħassib tagħhom dwar pjanta protetta li tinsab fil-post u li l-Kunsill ser ikollu jirriloka. Is-Sindku informa lill-membri li l-problema tal-aċċess ser tissolva billi jitqiegħed materjal fil-passaġġ li minn Triq ix-Xatba jagħti għal ħdejn it-Torri iżda li hekk kif jinħeles il-proġett dan il-materjal irid jerġa' jitneħħa.
Dwar dan il-proġett, il-Kunsilliera Joseph Cauchi u Juliet Attard sostnew sabiex il-Kunsill jibqa jagħmel pressjoni sabiex fit-Torri tax-Xlendi jkun hemm *toilet* għall-użu tal-pubbliku li se jżuru dan il-post. Is-Sindku qal li f'ħafna laqgħat huwa semma dan il-punt iżda l-problema prinċipali kienet dwar id-drenaġġ li m'hemmx fejn tmur bih

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

minħabba li aċċess b'vetturi mhux se jkun hemm biex issir xi fossa u titbattal. Wara diskussjoni fost il-membri dwar dan, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jerġgħa jieħu opinjoni teknika biex ikun hemm servizz sanitarju għal min iżur dan il-post.

15.3.6 Is-Sindku informa lill-membri li rċieva korrispondenza mill-Ministeru Għall-Enerġija u l-Immaniġġjar Tal-Ilma sabiex il-Kunsill jibgħat *no objection* biex kamra żgħira li tinsab fi Pjazza Anfori tinbidel *f'Eco-intermodal Hub* li jkun fiha *electric scooters* għall-kiri, *potable water* u spazzju fejn in-nies jkunu jistgħu jiddisponu minn tappijiet tal-plastik. Is-Sindku qal li ġie nfurmat li din hija parti mill-*masterplan* tax-Xlendi u ser tingħata b'kirja lill-privat biex jopera minn ġo fiha. Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif irċieva din il-korrispondenza hu bagħat mistoqsijiet fosthom: għal kemm żmien ser tingħata din il-kirja? Jistax isir *change of use* mill-privat u din ma tibqax tintuża għal dan l-iskop? It-tweġiba lis-Sindku kienet li d-Dipartiment tal-Kuntratti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi qed ifassal sejħa ta' konċessjoni għal dan il-*hub*. Wara diskussjoni bejn il-membri dwar dan, kien hemm qbil li jintbagħat *no objection* imma bil-kundizzjoni li din tibqa' tintuża għal dan l-iskop ta' *Eco-intermodal terminal hub*.

15.3.7 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ryan Debrincat saret laqgħa mal-Inġinier Mario Galea dwar ir-*risk assessment* li sar biex il-ħaddiema tal-Kunsill jużaw l-għodod approvati f'laqgħa preċedenti. Is-Sindku qal li talab lill-Inġinier jagħmel xi emendi fir-rapport u sar *adendum* tar-rapport oriġinali li ser jintbagħat lill-membri fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li dan ir-*risk assessment* huwa fid-dettall ħafna u l-Kunsill irid jinvesti fis-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema sabiex inkunu konformi ma' dan ir-rapport u l-partijiet kollha jkunu ssalvagwardjati. Fost miżuri li ħarġu minn dan ir-rapport u li l-Kunsill irid jimplimenta huma sessjoni ta' informazzjoni mill-Inġinier stess biex ifiehem ir-rapport lill-ħaddiema, sessjonijiet ta' *First Aid* u *Basic Fire* lill-ħaddiema, struzzjonijiet lill-ħaddiema ta' kif għandhom jużaw il-makkinarju kif ukoll provvediment ta' tagħmir protettiv. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport jiġu mplimentati.

15.3.8 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex jiġu installati żewġ bozoz LED mal-arbli eżistenti fi Triq Ta' Luvier minħabba nuqqas ta' dawl fit-triq. Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard fakkret lill-membri li dik għadha meqjusa bħala triq privata u hemm tabella tindika dan. Wara

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

diskussjoni bejn il-membri ħareġ il-fatt li f'din it-triq diġa' kienu ġew installati bozoz mill-Gvern u għalhekk għandu jittieħed il-parir tal-Inġinier. Kien hemm qbil li f'każ li l-Inġinier jikkonferma li dawn il-bozoz jistgħu jiġu nstallati mill-Kunsill, għandha ssir l-applikazzjoni.

15.3.9 Is-Sindku ressaq suġġeriment ukoll sabiex tiġi nstallata bozza LED fi Triq Sant'Indrija fix-Xlendi maġenb l-Għassa tal-Pulizija minħabba nuqqas ta' dawl. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

15.3.10 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill ta' żewġ bankini fi Triq Ta' Rinota. Kien hemm qbil mill-membri.

15.3.11 Is-Sindku informa lill-membri li ġie avviċinat minn resident li joqgħod fi Triq il-Munxar li b'inizjattiva tiegħu stess, qed jieħu ħsieb iż-żona ta' quddiem l-Andar Residence. Dan ir-resident qed jitlob il-permess sabiex il-granpuni li r-residenti jdendlu l-boroż taż-żibel magħhom, jimxu ftit aktar 'l isfel biex jiġu quddiem l-entratura ta' din il-binja. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

15.3.12 Is-Sindku informa lill-membri li l-kamra pubblika f'passaġġ fi Triq Ras il-Bajjada għandha ħsarat strutturali u qiegħda f'periklu li ċċedi. Huwa qal li din il-kamra tintuża mill-bdiewa tal-madwar biex fix-xita jistkennu ġo fija. Wara diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil mill-membri sabiex jiġi kkonfermat mal-Lands Registry li din hija pubblika u f'dak il-każ tintalab l-għajnuna tal-Ministeru Għal Għawdex permezz tas-sistema tagħhom, biex issirilha l-manutenzjoni u r-restawr meħtieġ.

## 15.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

15.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Carmen Parnis issuġġeriet sabiex isir xogħol ta' żbir tal-bruk fi Triq San Xmun, kif ukoll iż-żbir tal-palm fil-Munxar.
Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu l-permessi mill-ERA biex jiżbor il-bruk li jiskadu f'Ġunju 2020 u se jsir ix-xogħol neċessarju mill-ħaddiema tal-agrikoltura fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex. Huwa żied li dan il-permess għandu jiġġedded għal sena oħra filwaqt li jiżdiedu magħhom il-bruk ta' taħt Triq San Xmun fejn kien sar il-pavimentar mill-Kunsill. Rigward iż-żbir tal-palm fil-Munxar, is-Sindku qal li dan ix-xogħol ma jsirx mill-ħaddiema tal-Ministeru iżda jrid isir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

15.4.2 Il-Viċi Sindku talbet ukoll sabiex issir pressjoni mill-Kunsill biex il-passaġġ li minn Triq il-Kantra jagħti għal fejn il-baħar jitnaddaf mix-xewk u mill-ħaxix ħażin.
Is-Sindku wieġeb li din it-talba diġa' saret lid-Dipartiment tal-*Public Cleansing* fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex iżda minħabba li l-ħaddiema qed jintalbu jagħmlu xogħol ta' disinfettazzjoni taż-żoni pubbliċi, ir-riżorsi huma limitati.

15.4.3 Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar nuqqas ta' dawl fil-Pjazza tal-Knisja fil-Munxar speċjalment fejn il-*pedestrian crossings*.
Is-Sindku wieġeb li l-bozoz tal-pjazza ser ikunu inkorporati fil-proġett li l-Kunsill ser iwettaq iffinanzjat minn Proġett Għawdex tal-Ministeru Għal Għawdex. Rigward il-*pedestrian crossing*, kien hemm qbil mill-membri sabiex tinġab stima biex jiġu nstallati *spotlights* żgħar li jagħtu għal fuq il-*pedestrian crossing*.

15.4.4 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil informa lill-membri li qed javviċinawh diversi residenti fix-Xlendi dwar il-problemi tan-nuqqas ta' dawl u nuqqas ta' indafa fix-Xlendi. Huwa żied li l-Kunsill għandu jisħaq sabiex dawk il-punti li ġew diskussi fil-laqgħa li kienet saret il-Ministeru Għal Għawdex għandhom jiġu mwettqa mill-aktar fis.
Is-Sindku wieġeb li qabel ma jkompli u jittieħed bis-serjeta' ix-xogħol tal-*masterplan* tax-Xlendi mill-Ministeru Għal Għawdex, il-Kunsill ser jibqa' jsoffri dawn il-konsegwenzi.

15.4.5 Il-Kunsillier, is-Sur Mark Busuttil staqsa dwar ix-xogħlijiet li għandhom isiru fuq bankina fi Triq il-Qsajjem k/m Triq Puniċi.
Is-Sindku wieġeb li bi ftehim mas-sidien, x'ħin jagħmlu l-*membrane*, il-Ministeru Għal Għawdex ser jagħmel il-bankina.

15.4.6 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li saru xi graffiti fi Triq ix-Xlendi quddiem l-istabiliment tad-divertiment biex jitneħħew.
Is-Sindku wieġeb dawn tneħħew fl-aħħar jiem.

15.4.7 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ressaq suġġeriment sabiex is-siġar ta' Triq Ras il-Bajjada jissaqqew permezz ta' bowser. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan kif ukoll dwar tisqija fi Ġnien Ragalna.

15.4.8 Il-Kunsillier, is-Sur Joseph Cauchi ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

tabella tal-qniefed li ġiet installata fi Triq Ras il-Bajjda trid iddur faċċata tal-karreġġjata biex tkun aktar viżibli għas-sewwieqa u trid teħel oħra għal min hu tiela minn Triq il-Qsajjem. Kien hemm qbil dwar dan.

15.4.9 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard issuġġeriet sabiex issir talba lill-Ministeru Għal Għawdex biex aktar toroq prinċipali fil-Munxar u fix-Xlendi jiġu disinfettati . Kien hemm qbil dwar dan.

15.4.10 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar l-għatiebi fi Triq il-Munxar li kellhom isiru mill-kuntrattur.
Is-Sindku wieġeb li dawn ser isiru hekk kif jibda x-xogħol addizzjonali l-ieħor li għandu jsir mill-istess kuntrattur. Is-Sindku tenna li qed issir pressjoni mill-Kunsill biex dan ix-xogħol jibda u jitlesta malajr.

15.4.11 Il-Kunsilliera, is-Sinjura Juliet Attard staqsiet dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq ix-Xatba fil-Munxar.
Is-Sindku wieġeb li hu għamel kuntatt ma' din il-persuna li qiegħda tagħmel dan ix-xogħol biex jimxi eżattament mal-kundizzjonijiet kollha tal-permessi mill-awtoritajiet. Huwa nforma lill-membri li t-trinka ingħalqet bil-konkos f'dawk il-jiem.

## 15.5 Korrispondenza, ilmenti u rapporti;

15.5.1 Ċirkulari Numru SPI/02/2020 mingħand id-Direttur (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Ċertifikazzjoni għal Cat Feeders b'Rabta mal-COVID-19', segwita b'risposta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.2 Ċirkulari Nru AKL 2020/027 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Għeluq tal-Playing Fields'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.3 Ċirkulari AKL 2020/028 – Ħlas ta' kirjiet dovuti lill-Awtorita' tad-Djar u lill-Awtorita' tal-Artijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.4 Ċirkulari AKL 2020/029 – Proġett għall-Anzjani fuq il-Pjattaforma YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.5 Ċirkulari AKL 2020/030 – Informazzjoni dwar Covid 19 b'lingwi

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

differenti – UNHCR b'kollaborazzjoni mal-YouSafe. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.6 Ċirkulari AKL 2020/031 – Ħaddiema mall-kuntratturi ta' ġbir ta' skart u ndafa pubblika li ġejjin miċ-Ċentru Miftuh ta' Ħal Far. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.7 Ċirkulari AKL 2020/032 – Tnedija tal-ewwel sejħa – Progett EUFC Webinar għada, 7 t'April. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.8 Ċirkulari AKL 2020/033 – ALDATalk#5 On Intercultural Dialogue. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.9 Ċirkulari AKL 2020/034 – Meeting with members (Greece/Portugal/Spain/Malta) – Covid 19 Crisis Management. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.10 Ċirkulari AKL 2020/035 – EPOS Machines. Il-Kunsill interessat sabiex jaddotta sistema ta' EPOS machines iżda għandu bżonn aktar informazzjoni rigward l-ispejjeż involuti biex jasal għal deċiżjoni finali.

15.5.11 Ċirkulari AKL 2020/036 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 31. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.12 Ċirkulari AKL 2020/037 – BOV Depożitu ta' muniti mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.13 Ċirkulari AKL 2020/038 – Lista ta' NGOs/Vos fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.14 Ċirkulari AKL 2020/039 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.15 Ċirkulari AKL 2020/040 – Stqarrija: Radam ta' skart ta' Kostruzzjoni 27/04/2020. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.16 Ċirkulari AKL 2020/041 – Courses 2020/2021 – Fakulta' għat-Tisħiħ tas-Soċjeta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.17 Ċirkulari AKL 2020/042 – COVID-19 Awareness Campaign – Commission for Gender Based Violence and Domestic Violence. Il-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Kunsill innota l-kontenut.

15.5.18 Ċirkulari AKL 2020/043 – Covid 19 u l-Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.19 Ċirkulari AKL 2020/044 – Applikazzjoni għall-Internet Banking – BOV. Il-Kunsill interessatf'dan is-servizz ta' internet banking mal-BOV.

15.5.20 "Light poles fuq il-moll tax-Xlendi mitfijin" – korrispondenza mingħand Inġ Rose Mercieca Debono MOG u Enemalta wara rapport li sar mill-Kunsill.

15.5.21 "CWSEF Workers Covid 19" – korrispondenza mingħand Kenneth Cutajar. Il-Kunsill innota l-kontenut u ġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema.

15.5.22 "Organic 2020 Agreement" – korrispondenza mingħand Mikhail Duca Wasteserv.

15.5.23 "EU 'Smart Villages' Initiative" – korrispondenza mingħand Gozo Action Group Foundation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.24 "Emergency Fundraising Campaign Covid-19" – korrispondenza mingħand Migrant Women Association Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.25 "PDS Special Leaves Circular 6" – korrispondenza mingħand People and Standards Division u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.26 "MCAST Apprentices – Covid 19 (Developments)" – korrispondenza mingħand Institute for the Public Services, MCAST, MEAE u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.27 "Żomm Kuntatt – KiC Help at Home" – korrispondenza mingħand Gorg Borg App-Raiser. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.28 "GAGF, GAG2 & GAG3" - korrispondenza mingħand Gozo Action Group Foundation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.29 "Tech.mt Wifi spots" - korrispondenza mingħand Project Coordinator Tech.mt. Il-Kunsill innota l-kontenut għas-sospensjoni temporanja tal-

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

WIFI fix-Xlendi.

15.5.30 "Procurement Policy Note (PPN) 27 Update" - korrispondenza mingħand Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.31 "Rapport dwar l-Inklużjoni Soċjali" – Reġjun Għawdex u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.32 "YouSafe – Link mal-paġna tal-Kunsill Lokali" - korrispondenza mingħand AKL. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.33 "Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04" - korrispondenza mingħand Transport Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.34 "LIFE Calls for proposals 2020 & List of LIFE Applications Calls 2020 with respective priorities and deadlines" - korrispondenza mingħand Local Government Division u Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.35 "Sports Initiatives" - korrispondenza mingħand SportMalta u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.36 "We have volunteers who can deliver groceries / essential items free of charge" - korrispondenza mingħand Sunny Dilgeer. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.37 "Gozo - Unity in Creativity - Stedina/Invitation" - korrispondenza mingħand Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.38 "EU Funding Opportunities for Gozitan Local Councils" - korrispondenza mingħand MEUSAC. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.39 "Free 20min Video Call" - korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex u Therapy Works. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.40 "Gozo – Unity in Creativity – Mid-Dinja tal-Artist/From the Artist's World" - korrispondenza mingħand Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

15.5.41 "Disinfection and Power Washing of Public Spaces" – korrispondenza mingħand Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.42 "PS Circular No 3/2020" – korrispondenza mingħand Institute for the Public Services, MEAE u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.43 "Kompetizzjoni – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriżi 2020" - korrispondenza mingħand Commerce Department fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.44 "Gozo – Unity in Creativity – Kantalna Waħda/Sing us a Song" - korrispondenza mingħand Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.45 "It-Taħriġ tal-IPS Online" - korrispondenza mingħand l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, MEAE u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.46 "Goto Malta – Reaching out to assist your community" - korrispondenza mingħand GoTo. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.47 Suġġeriment mingħand Mark Busuttil rigward Ċirkulari Nru AKL 2020/024 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward 'Life Calls for proposals 2020'. Il-Kunsill innota l-kontenut

15.5.48 "Thinkathon Online Challenge! Deadline Extension!" - korrispondenza mingħand Think Young u Europe Direct – Gozo. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.49 "Servizzi anċillari offruti mill-FSWS Gozo Branch Operations matul il-pandemija tal-Covid-19 u s-sitwazzjoni preżenti" - korrispondenza mingħand ir-Reġjun Għawdex u Foundation for Social Welfare Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.50 "Q and A session – Erasmus+ and European Solidarity Corps" - korrispondenza mingħand EUPA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.51 "Offerta fuq xiri ta' karti transport inkluż" - korrispondenza mingħand il-Gozo Press. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

15.5.52 "Encore #21 – Call for Cultural Events – Local Councils" korrispondenza mingħand sub-editor – Encore. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.53 "Your kind input requested Re: diaspora communities" - korrispondenza mingħand African Media Association Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.54 "Urġenti – għall-attenzjoni tas-Segretarji Eżekuttivi, Sindki, Viċi Sindki u Kunsillieri" - korrispondenza mingħand ANSEK. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.55 "Mother's day 10th May, cake and flowers sale in aid of MCCFF" - korrispondenza mingħand The Malta Community Chest Fund Foundation, Office of the President. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.56 "Directive 13.1" - korrispondenza mingħand Uffiċċju tal-Prim Ministru, MEAE u Local Government Division. Il-Kunsill innota l-kontenut.

15.5.57 Ilment Nru 1

Biex terġgħa ssir l-għatba ta' quddiem il-bieb 52, Triq Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan wara li l-Perit approva dan ix-xogħol bħala xogħol addizzjonali f'dik it-triq.

Ilment Nru 2

Biex jiġu nstallati *floodlights* temporanji fix-Xlendi minħabba n-nuqqas ta' dawl li hemm fix-Xlendi. Kien hemm qbil li ssir pressjoni mal-Inġinier li qed tieħu ħsieb id-dwal fix-Xlendi u l-Kunsill għandu jingħata *timeframe* ta' meta ser solvuta din il-problema.

Ilment Nru 3

Tilmenta dwar il-problema tal-iskart fi Triq Puniċi. Is-Sindku informa lill-membri li twaħħlet tabella ta' informazzjoni.

Ilment Nru 4

Ilment ġenerali dwar nuqqasijiet fix-Xlendi rigward il-kostruzzjoni, l-ammont ta' nies li qed ikun hemm preżenti flimkien f'din is-sitwazzjoni tal-COVID-19, l-iskart u in-nuqqas ta' dawl fix-Xlendi. Is-Sindku wieġeb li ser issir pressjoni għal aktar infurzar f'dan ir-rigward kif ukoll pressjoni mal-awtoritajiet konċernati.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

Ilment Nru 5
Tilmenta dwar nuqqas ta’ dawl quddiem id-daħla tal-garaxxijiet ta’ Andar Residence kif ukoll talba għall-installazzjoni ta’ *doggy bin* fi Triq il-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar in-nuqqas ta’ dawl f’dan il-post biex jittieħed parir mill-Inġinier iżda rigward id-*doggy bin* ma kienx hemm qbil mill-membri li dan isir.

Ilment Nru 6
Suġġeriment minn LESA sabiex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali stradali fi Triq il-Puniċi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex issir talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex biex is-sinjali stradali tal-lokalita’ jerġgħu jinżebgħu kollha speċjalment dawk li għandhom l-aktar bżonn.

Ilment Nru 7
Ilment dwar toqba fil-bankina ta’ Andar Residence fi Triq il-Munxar biex issir grada tal-ħadid. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

Ilment Nru 8
Biex jinżabru l-bruk ta’ Triq San Xmun. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex.

15.5.58 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li skont il-kuntratt “Tender for the Services of an Architect (Local Council Projects), Il-Munxar, Gozo MXR/001/2017”, dan irid jiġġedded għal sena oħra jew mod ieħor. Kien hemm qbil mill-membri li jsir it-tiġdid tal-kuntratt tal-Perit Robert Grech għal sena oħra.

15.5.59 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-*Data Protection Officer* dwar aġġornament li jridu jsiru fuq il-*website* tal-Kunsill biex tkun konformi mar-regolamenti tal-GDPR. Kien hemm qbil mill-membri.

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti;

15.6.1 Skeda ta’ ħlasijiet bin-numru 15/2020-8 għall-perjodu bejn is-27 ta’ Marzu 2020 u s-27 t’April 2020 li tammonta għal €20,292.58 ġiet approvata u ffirmata.

## 15.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

15.7.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 26 ta' Mejju 2020 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, it-Tlieta 26 ta' Mejju 2020.

Damien Spiteri
Sindku

Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR